# 47. Id-Dolliegħa

Mixħuta fuq il-mejda qisha qolla
mingħajr il-għonq, miżbugħa kollha ħadra,
faxx aħdar ċar, faxx aħdar skur, bil-pinna
iddisinjata,

Tgħidlek: "Aqsamni u kulni." U int tagħtiha
daqqa bil-mus, u kif il-mus itaqqab
hi tixpakka minn rajha, sforz il-ħeġġa
tinqasam tnejn;

U qalbha tfiġġ ħamrana u maestuża,
mimlija kollha zokkor, vitamini,
u ilma aħmar ċar li l-id ixarrab
ta' min jaqsamha.

Bħal l-Iben t'Alla turi tiebtha u tgħidlek:
"Aqsam u kul kemm trid, dan huwa ġismi;
ixrob u soff kemm trid, dan huwa demmi;
iżra' ż-żerriegħa

Li hawn ġo qalbi sabiex int iddejjem
lili u lil tiebti, u sena oħra ġġedded
is-sagrifiċċju tiegħi, sew kif amar
il-Missier Alla.